**Aggravji u argumenti prinċipali**

**L-ewwel aggravju:** Il-Qorti Ġenerali hija tal-fehma li l-appellanti ma għandha ebda interess ġuridiku minħabba li r-regolament ikkontestat jikkjarifika li l-"Gouda" fih imsemmija huwa isem ġeneriku. Il-formulazzjoni inkwistjoni użata fir-Regolament hija, madankollu, tawtoloġika biss. L-annullament tar-regolament ta' reġistrazzjoni, kuntrarjament għall-fehma tal-Qorti Ġenerali, jagħti vantaġġ lill-membri tal-appellanti u jiġġusitifka l-interess ġuridiku tagħhom. Għal din ir-raġuni, ir-rikors huwa ammissibbli. Għall-istess raġuni, huwa wkoll fondat. Il-kjarifika mitluba ġiet awtorizzata mill-parti Olandiża li ressqet it-talba. Il-Kummissjoni aġixxiet b'mod żbaljat meta ma wettqitx il-kjarifika.

**It-tieni aggravju:** L-appellanti argumentat li l-membri tagħha kienu tradizzjonalment ibiegħu l-ħalib fil-Pajjiżi l-Baxxi, li seta' jiġi pproċessat f'Gouda jew f'Edam u li probabbilment kien jiġi pproċessat f'Gouda jew f'Edam. Minn dan, il-Qorti Ġenerali ma ddeduċiet l-ebda interess ġuridiku. Dan l-argument huwa fattwalment inkorrett. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali żnaturat il-fatti, għaliex is-sottomissjonijiet kienu korretti. Barra minn hekk, skont il-Qorti Ġenerali, l-oppożizzjoni u r-rikors tal-appellanti ma kinux ippreżentati għall-"produtturi tal-ħalib". Għalhekk, kien hemm ukoll żnaturament tal-fatti, minħabba li l-oppożizzjoni saret f'isem il-membri tal-appellanti, sa fejn dawn jipproċessaw il-ħalib (il-ħalib mibjugħ fil-Pajjiżi l-Baxxi huwa ħalib ipproċessat) u jbiegħu l-ħalib jew il-ġobon.

**It-tielet aggravju:** Il-Qorti Ġenerali hija tal-fehma li ċ-ċaħda tal-oppożizzjoni hija bbażata fuq il-fatt li l-appellanti ma kellhiex interess ġuridiku. Dan minħabba li l-oppożizzjoni ma kellhiex issir mill-appellanti iżda mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja. Dan ma jikkorrispondix għas-sitwazzjoni ġuridika applikabbli fir-rigward tar-Regolament bażiku Nru 510/2006 ([2]), u, kuntrarjament għal dak li tikkunsidra l-Qorti Ġenerali, din il-kwistjoni għadha ma ġietx deċiża minn din il-qorti fir-rigward tar-Regolament bażiku. Bejn ir-Regolament bażiku Nru 510/2006 u dak preċedenti għalih, ir-Regolament (KEE) Nru 2081/92 ([3]), hemm differenzi li l-Qorti Ġenerali ma evalwatx u li fi kwalunkwe każ ikollhom il-konsegwenza li l-partijiet li jopponu, bħall-appellanti f'din il-kawża, jasserixxu d-drittijiet tagħhom stess ta' oppożizzjoni.

**Ir-raba' aggravju:** Il-Qorti Ġenerali tiċħad l-argument tal-appellanti li s-siġill-IĠP blu tal-UE jagħti vantaġġ kompetittiv lill-produtturi Olandiżi fuq il-membri tal-appellanti. Dan huwa żbaljat. Jeżisti vantaġġ kompetittiv, u dan jiġġustifika l-interess ġuridiku tal-membri tal-appellanti li jaraw li jiġi annullat ir-regolament ta' reġistrazzjoni.

([1]) ĠU L 317, p. 22.
([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006, tal-20 ta' Marzu 2006, dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel (ĠU 2008, L 335M, p. 213).
([3]) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92, tal-14 ta' Lulju 1992, dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjoni tal-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-prodotti tal-ikel (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 13, p. 4).

## Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Ottubru 2014 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Rumanija, partijiet intervenjenti: Ir-Repubblika tal-Estonja, Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi

**(Kawża C-405/13)** ([1])

(2015/C 016/32)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

Il-President tal-Awla Manja ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 260, 7.9.2013.